MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 269/2007

**Emanuel Said u Yvonne Said**

**vs**

**Carmelo Bugeja u Audrey Mangion**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat l-1 t'Awissu tas-sena 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti sejjhu lill-intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef u mitt Lira Maltin (LM3,100.00,0), rapprezentanti in kwantu ghal elfejn Lira Maltin (LM2,000.00,0), self li nghata lilhom fit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena 2002, u li gie kkawtelat permezz ta' kambjala datata tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena 2002, u li mmaturat fit-tletin (30)

t’April tas-sena 2003; in kwantu ghal seba’ mitt Lira Maltin (LM700.00,0) bilanc dovut ghal bejgh ta’ vettura, u in kwantu ghal erba’ mitt Lira Maltin (LM400.00,0) ammont li thallas mir-rikorrenti minhabba l-intimati;

2. Bl-ispejjez, inkluzi tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 2084/2007 GG ipprezentat qabel ma giet intavolata din il-kawza u bl-imghax legali mit-tmintax (18) t’Ottubru tas-sena 2002 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-intimat Carmelo Bugeja datata s-17 t’April tas-sena 2008, li permezz taghha ammetta t-talbiet kollha tar-rikorrenti, (ara fol 8);

Rat in-nota tar-rikorrenti datata wkoll is-17 t’April tas-sena 2008, li permezz taghha cedew l-atti tal-kawza fil-konfront ta’ l-intimata Audrey Mangion filwaqt li zammew fermi u integri d-drittijiet taghhom fil-konfront ta’ l-intimat l-iehor Carmelo Bugeja;

Ikkunsidrat:

Illi in vista ta’ l-ammissjoni ta’ l-intimat Bugeja u tar-rinunzja tar-rikorrenti fil-konfront ta’ l-intimata Mangion, din il-qorti takkolji t-talbiet tar-rikorrenti unikament fil-konfront tal-intimat Bugeja u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-intimat Carmelo Bugeja biex ihallas lir-rikorrenti Emanuel u Yvonne Said l-ammont komplessiv ta’ tlett elef u mitt Lira Maltin, (LM3,100.00,0), ekwivalenti ghal sebat elef mitejn u wiehed u ghoxrin Ewro u hames centezmi, (€7,221.05), kif maqsumin fir-rikors promotur;

2. Bl-ispejjez kif indikati fl-istess rikors u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mit-18 t’Ottubru tas-sena 2002.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------